# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-4 ta' Diċembru 2007**

**li temenda d-Deċiżjoni 2002/840/KE fir-rigward tal-lista ta' faċilitajiet approvati f'pajjiżi terzi għat-tneħħija ta' radjazzjoni minn fuq l-ikel**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5823)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/802/KE)

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' Stati Membri li jikkonċernaw prodotti u ingredjenti ta' l-ikel trattati b'radjazzjoni jonizzanti ([1]), u partikolarment Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 1999/2/KE oġġetti ta' l-ikel ittrattati b'radjazzjoni jonizzanti ma jistgħux jiġu importati minn pajjiż terz sakemm ma jkunux ġew ittrattati f'faċilità ta' tneħħija ta' radjazzjoni approvata mill-Komunità.

(2) Lista ta' faċilitajiet approvati kienet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/840/KE ([2]).

(3) Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' żewġ faċiltajiet ta' tneħħija ta' radjazzjoni fit-Tajlandja permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Esperti tal-Kummissjoni spezzjonaw il-faċilitajiet ta' tneħħija ta' radjazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk humiex konformi mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 1999/2/KE u, b'mod partikolari, jekk superviżjoni uffiċjali tiggarantixxix li jkunu konformi mal-ħtiġijiet ta' Artikolu 7 ta' din id-Direttiva.

(4) Il-faċilitajiet fit-Tajlandja kkonformaw mal-maġġoranza tal-ħtiġijiet tad-Direttiva 1999/2/KE. In-nuqqasijiet identifikati mill-Kummissjoni ġew indirizzati b'mod adegwat mill-awtoritajiet kompetenti tat-Tajlandja.

(5) Id-Deċiżjoni 2002/840/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2002/840/KE hu emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 287, 25.10.2002, p. 40. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/691/KE (ĠU L 314, 13.10.2004, p. 14).

*ANNESS*

Il-faċiltajiet li ġejjin jiżdiedu fil-lista fl-Anness għad-Deċiżjoni 2002/840/KE:

**Nru ta' referenza EU-AIF 07-2006**

THAI IRRADIATION CENTER
Thailand Institute of Nuclear Technology (Public Organization)
37 Moo 3, TECHNOPOLIS
Klong 5, Klong Luang
Pathumthani 12120
It-Tajlandja
Tel.. +662 577 4167 sal-71
Faks: +662 577 1945

**Nru ta' referenza EU-AIF 07-2006**

ISOTRON (THAILAND) LTD
Bangpakong Industrial Park (Amata Nakorn)
700/465 Moo 7, Tambon Donhuaroh,
Amphur Muang,
Chonburi 20000
It-Tajlandja
Tel.. +66 (0) 38 458431 sa l-4
Faks: +66 (0) 38 458435